MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2009

Appell Civili Numru. 59/2009/1

**Mario Tonna**

**vs**

**Edwin Camilleri bhala Direttur ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija L & M Camilleri Ltd**

**Il-Qorti,**

Fl-10 ta' Gunju, 2009, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

> "Il-Qorti:-
>
> Rat ir-rikors tar-rikorrent Mario Tonna pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-tlettax (13) ta' Frar 2009 fejn espona s-segwenti:-
>
> "Illi permezz t'Ittra Ufficcjali mibghuta ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kodici Civili, Edwin Camilleri,

detentur tal-karta ta' identita numru 44755M bhala Direttur ghan-nom w in rapprezentanza tal-kumpanija 'L&M Camilleri Limited' bir-registrazzjoni numru C 3590, allega li parti mill-arja tal-fond bin-numru wiehed (1) f'Ghar Lembi, Sliema, giet abbusivament zviluppata mill-esponenti minghajr il-kunsens tal-kumpanija 'L&M Camilleri Limited' u li dan ikkawza danni fl-ammont ta' EURO 9,466.990 lill-istess kumpanija.

Illi din l-ittra kienet reza ezekuttiva fin-nuqqas ta' risposta da parti tal-esponenti.

Illi l-esponent ma kienx jaf bil-procedura msemmija u meta rcieva Mandat ta' Sekwestru, ha passi mmedjati w ipprezenta rikors opportun fl-ismijiet premessi permezz ta' liema talab ir-revoka tat-titolu ezekuttiv premess.

Illi l-proceduri ghar-revoka tat-titolu ezekuttiv ghadhom pendenti.

Illi kontestwalment ma dan ir-rikors, l-esponenti ddeposita permezz ta' cedola, garanzija bankarja ghall-ammont mitlub."

U konsegwentement talab lil din ill-Qorti sabiex tissospendi l-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv premess u dan pendenti l-proceduri quddiem din l-Onorabbli Qorti (Rikors Numru 388/08CSH).

Rat ir-risposta tal-intimat ipprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-tmintax (18) ta' Frar 2009 fejn espona s-segwenti:-

1. "Illi fl-ewwel lok jigi eccepit ir-res judicata tal-mertu ta' dan ir-rikors stante li d-digriet datat wiehed w ghoxrin (21) ta' Novembru 2008 moghti mill-Magistrat Michael Mallia ma giex appellat w illum huwa *res judicata* bejn il-partijiet w ghaldaqstant, legalment ma jistax

jigi revokat *contrario imperio* kif qed jitlob Mario Tonna.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba rikorrenti ghandha tigi michuda stante li ma jezisti l-ebda rikors datat wiehed w ghoxrin (21) t'Ottubru 2008 kif elenkat fit-talba tar-rikorrent.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu s-socjeta esponenti taghmel referenza ghar-risposta originali taghha ghar-rikors datat wiehed u tletin (31) t'Ottubru 2008 w izzomm ferm l-eccezzjonijiet taghha u titlob li din l-Onorabbli Qorti tichad it-talbiet rikorrenti bl-ispejjez kontra tieghu."

U Konsegwentement talbet ghar-ragunijiet suesposti, li din l-Onorabbli Qorti tichad ir-rikors ta' Mario Tonna datata wiehed u tletin (31) t'Ottubru 2008 u disgha (9) ta' Dicembru 2008 u tikkonferma l-validita tat-titolu ezekuttiv rizultanti fl-Ittra Ufficcjali Ezekuttiva bin-numru 3648/08 bl-ispejjez kollha ta' dan ir-rikors kontra r-rikorrent.

Rat id-digriet taghha tal-ghoxrin (20) ta' Frar 2009 fejn laqghet it-talba rikorrenti provizorjament molto piu fid-dawl li l-ammont jinsab depositat il-Qorti permezz ta' cedola b'garanzija bankarja u fejn appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghal nhar il-hdax (11) ta' Marzu 2009.

Rat il-verbal registrat fl-atti fil-hdax (11) ta' Marzu 2009 fejn din il-Qorti ordnat li d-dokumentazzjoni nserita f'dawn l-atti, tapplika *mutatis mutandi* fil-kawza fl-istess ismijiet numru Avviz 388/08CSH.

Il-Qorti giet murija wkoll il-karta tal-identita tar-rikorrent u rat illi jista ikun hemm diskrepanza bejn il-firma ta' Mario Tonna kif murija fil-*pink card* tergo fol. 4 u dik murija fil-karta tal-identita tieghu w ghalhekk, a spejjez provizorji ghar-rikorrenti, hija

nnominat lill-espert Joseph Mallia sabiex jaghmel ezami komparattiv bejn il-firma fuq il-karta tal-identita tal-intimat Edwin Camilleri u dik fuq il-*pink card*.

Semghet li **Mario Tonna** jixhed fl-istess seduta tal-hdax (11) ta' Marzu 2009 fejn ikkonferma li huwa sar jaf bl-Ittra Ufficcjali li hemm esebita f'dawn l-atti a fol. 9 una volta kien sar il-Mandat ta' Sekwestru mill-intimat fuq il-kontijiet bankarji tieghu u kien hekk gie nfurmat mill-Bank. Huwa cahad li qatt kien ircieva din l-ittra. Esebixxa l-ittra li kien ircieva mil-Bank flimkien ma kopja tal-Mandat ta' Sekwestru relattiv li kien sar kontra tieghu. Dawn iz-zewg dokumenti gew immarkati bhala Dok. 'Z'. Meta gie muri il-firma li hemm fuq il-wara tal-*pink card*, huwa stqarr li ma kienitx il-firma tieghu u lanqas in-numru tal-karta tal-identita tieghu ma taqbel ma dik indikata hdejn il-firma li hemm. Ikkonferma li huwa ma twilidx fis-sena 1968 u n-numru tal-karta tal-identita tieghu huwa 428043. Huwa wera' l-karta tal-identita tieghu lil Qorti sabiex tikkonferma dak li kien qed ighid ix-xhud. Ikkonferma wkoll illi huwa ma joqghodx fl-indirizz 31, Flat 5, Triq Sir Adriano Dingli, Sliema, izda fil-fond 165/6, Tower Road, Sliema.

Illi nhar is-sitta (6) ta' Mejju 2009 xehed l-espert **Joseph Mallia** w ikkonferma li l-firma li hemm fuq il-*pink car*d u dik fuq l-karta tal- identita tar-rikorrenti, ma jaqblux. In oltre stqarr li l-indirizz moghti fuq il-*pink card* tan-notifika, ma jaqbilx mal-indirizz kif muri fil-karta tal-identita tieghu. Huwa pprezenta r-relazzjoni tieghu.

Illi nhar is-sitta (6) ta' Mejju 2009 xehed l-intimat **Edwin Camilleri** w ikkonerma li huwa jmur kuljum fl-istabiliment 'Dhalia' gewwa Tower Road, Sliema. Mistoqsi fejn ighix r-rikorrenti Mario Tonna, huwa ighid li jaf b'certezza li dan ighix Tower Road, Sliema ghaliex kuljum, ghal habta tal-hamsa ta'

filghodu, jara l-vettura tieghu pparkjata quddiem id-dar tieghu f'Tower Road, Sliema.

Ikkunsidrat:-

Illi f'din il-kawza r-rikorrent qed jitlob li jkun hemm sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-Ittra Ufficcjali numru 3648/08 sakemm il-proceduri fl-ismijiet premessi, rikors numru 388/08CSH, jigu decizi u dan ghaliex, fil-fehma tieghu, l-Ittra Ufficcjali originali, ma gietx notifikata lilu skond il-ligi u dan ghaliex, kif jirrizluta mill-*pink card* esebita mal-Ittra Ufficcjali, l-firma tieghu ma hiex hemm u l-indirizz moghti tieghu, mhux korrett.

Illi l-intimat, minn naha tieghu qed jikkontendi li din il-kwistjoni llum hija *res judicata* ghaliex diga nghata digriet minn din il-Qorti diversament preseduta u konsegwentement l-intimat jikkontendi li r-rikorrenti ma setax jitlob revoka *contrario imperio*.

Dwar dan il-Qorti tirrileva li r-rikorrenti ma hux qed jitlob revoka *contario imperio* tad-digriet moghti u esebit fl-atti, izda qed jitlob sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-proceduri gia resi ezekuttivi permezz tan-notifika fuq indikata, liema talba hija totalment differenti.

Ghaldaqstant tali eccezzjoni mhiex f'lokha u qed tigi michuda.

Fit-tieni lok, l-intimat qed ighid li dan ir-rikors ghandu jigi michud ghaliex ma hemm l-ebda rikors datat wiehed w ghoxrin (21) t'Ottubru 2008. Hawnhekk ukoll jinghad li r-rikorrenti ma jghamel ebda referenza ghal xi rikors datat wiehed w ghoxrin (21) t'Ottubru 2008 fir-rikors promotur tieghu w ghalhekk, tali eccezzjoni wkoll ma ssibx soljev f'dak li qed jinghad mill-intimat.

Fit-tielet lok l-intimat ghamel referenza ghar-risposta li huwa pprezenta fl-atti tal-kawza fl-ismijiet premessi numru 388/08 fejn principalment qed ighid li n-notifika tal-Ittra Ufficcjali li saret ai termini ta’ l-artikolu 166A tal-Kap 16, saret skond il-ligi w ghalhekk it-talba tar-rikorrenti m’ghandhiex ghalfejn tigi milqugha.

Ikkunsidrat:-

Illi din il-Qorti ezaminat kemm dawn l-atti kif ukoll l-atti kollha li hemm inseriti fil-process nurmu 388/08 fl-ismijiet premessi u tirrileva li fil-fehma taghha, n-notifika tal-Ittra Ufficcjali ma saritx skond il-ligi u cioe ma thallitx fir-residenza tar-rikorrenti, ghaliex waqt li l-Ittra Ufficcjali giet notifikata fl-indirizz 31, Flat 5, Sir Adrian Dingli Street, Sliema, l-intimat stess kkonferma bil-gurament li r-rikorrent jghix Tower Road, Sliema.

Illi ghalhekk ma hemmx dubbju li effettivament r-rikorrent ma jirrisjedix fl-indirzz moghti fl-Ittra Ufficcjali kif del resto stqarr fir-risposta li huwa pprezenta nhar il-wiehed u tletin (31) t’Ottubru 2008 fil-proceduri fir-rikors numru 388/08CSH.

Jirrizulta wkoll minn dak li rrileva l-espert, li l-firma u n-numru tal-karta tal-identita fuq il-*pink card* m’humiex tar-rikorrenti lanqas.

Ghaldaqstant, peress illi fil-fehma tal-Qorti, n-notiifka mhix wahda valida ai termini ta’ l-artikolu 166A(5)(i) tal-Kap 12, tilqa t-talba rikorrenti u tordna s-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv sakemm il-proceduri pendenti fir-rikors numru 388/08CSH jigu decizi b’mod finali.

Spejjez provisorjament ghall-intimat.”

Minn dan il-pronuncjament appella l-intimat *nomine* bl-ilmenti li gejjin:-

1. In-nullita` tas-sentenza stante li ma giex notifikat bir-rikors promotur u lanqas bl-avviz tas-smigh tieghu;
2. L-ewwel Qorti ddecediet fuq kwestjoni li ma gietx mitluba u dan b'mod li ppregudikat id-drittijiet tieghu f'kawzi ohra prendenti, u dan ukoll jirrendi nulla d-decizjoni;
3. Ma kienx gust illi jigi ordnat li l-ispejjez relattivi jitbatew minnu, lanqas b'mod provvizorjament;

Jigi qabel xejn rilevat illi bir-rikors odjern ipprezentat quddiem l-ewwel Qorti r-rikorrenti talab is-sospensjoni ta' l-ezekuzzjoni tat-titolu esekuttiv kostitwit bis-sahha ta' l-ittra ufficcjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kodici ritwali u dan pendenti l-procediment l-iehor tieghu (Rikors Numru 388/08) b'talba ghar-revoka *contrario imperio* tad-digriet ta' l-istess Qorti tal-21 ta' Novembru, 2008 li bih caditlu talba ohra tieghu ghat-thassir u revoka tat-titolu ezekuttiv. L-atti juru li z-zewg rikorsi kienu mexjin kontestwalment;

L-appellanti *nomine* qieghed permezz ta' l-ewwel aggravju jitlob deklaratorja tan-nullita` tas-sentenza billi jallega li hu ma giex notifikat bl-att promotur ta' din l-istanza, u l-ewwel Qorti ghaddiet biex tappuntah minghajr dik in-notifika. L-atti juru illi fil-25 ta' Frar, 2009 l-konsulent legali ta' l-appellanti giet notifikata b'Avviz ta' smigh tal-kawza (ara fol. 4) izda dwar dan l-appellanti jikkontendi illi l-okkju tal-kawza kien fl-ismijiet "Edwin Camilleri *nomine* -vs- Mario Tonna" u konsegwentement saret notifika ta' avviz bhal dan f'ismijiet ta' procedura li ma kienetx tezisti. L-istess atti juru inoltre illi fil-11 ta' Marzu, 2009 intalbet il-korrezzjoni tal-okkju u din giet akkordata. Hawn ukoll l-appellanti *nomine* jilmenta illi ghal darb'ohra l-ewwel Qorti ma ordnatx in-notifika tar-rikors kif korrett. F'dan l-istess aggravju l-appellanti *nomine* jissottometti wkoll illi l-apparenza tieghu fil-proceduri hi spjegata mill-fatt illi, kif inghad, ir-rikors odjern u dak l-iehor (Numru 388/08) kienu qed jigu ttratati flimkien;

Premess dan, hu mill-Artikolu 789 (1) dispost illi l-eccezzjoni ta’ nullita` ta’ l-atti gudizzjarji (komprizi f’dawn, is-sentenzi) tista’ tinghata fil-kaz fejn, ad ezempju, “fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma mehtiega mil-ligi” ghax allura “dik il-vjolazzjoni tkun giebet lill-parti li titlob in-nullita` pregudizzju li ma jistax jissewwa xort’ohra hlief billi l-att jigi annullat”. Issa din il-Qorti tiddubita ferm kemm il-vjolazzjoni asserita mill-appellanti *nomine* tan-nuqqas ta’ notifika, ukoll bl-att korrettorju, gabitlu verament pregudizzju meta l-verbali, almenu kif redatti mill-ewwel Qorti, jimmanifestaw li hu attenda fil-proceduri. Ara verbali tad-29 ta’ April, 2009 (fol. 11) tas-6 ta’ Mejju, 2009 (fol. 12) u dak ukoll tat-18 ta’ Mejju 2009 (fol. 44) fejn jinghad li l-partijiet ittrattaw il-kawza. Minn dawn biss hu eskluz kull element ta’ sorpriza li l-appellanti *nomine* tabilhaqq ma kienx jaf b’dik il-procedura ghaliex din kienet miexja ma’ dik l-ohra bejn l-istess partijiet. F’dawn ic-cirkostanzi ma jistax ma jsibx applikabilita` dak prevvist fl-Artikolu 789 (2) u cjoe, li “l-eccezzjoni tan-nullita` ma tistax tinghata meta l-parti li taghtiha tkun baqghet taghmel jew, ghad li tkun taf biha, tkun halliet li jibqghu jsiru atti ohra wara, minghajr ma teccepixxi din in-nullita`”. Il-pretiza li kellha ssir notifika ta’ l-att kif korrett hi, alkwantu, insostenibbli ghaliex, kif deciz, “l-Artikolu 175 tal-Kapitolu 12 ma jippreskrivix din in-notifika mill-gdid u wisq anqas ma jippreskriviha taht xi piena ta’ nullita`, b’mod li lanqas ma jista’ jigi invokat l-Artikolu 792 (1) (a) [illum Artikolu 789 (1) (a)] li jrid li n-nullita` tkun espressament komminata mil-ligi”. Ara “**Carmelo Schembri -vs- Pio Vassallo**”, Appell Inferjuri, 24 ta’ Jannar, 1979 per Imhallef Maurice Caruana Curran;

Maghdud dan, ma jfisserx illi s-sentenza appellata ma fihiex deficjenzi. Fl-ewwel lok ma jistax jonqos li jigi notat illi l-ewwel Qorti, anke jekk superficjalment, okkupat ruhha minn eccezzjonijiet li kienu strettament jghoddu ghall-procedura l-ohra b’rikors Numru 388/08. Fit-tieni lok, l-ewwel Qorti ma kellhiex ghalfejn tinoltra ruhha anke f’din l-istanza dwar il-validita` o meno ta’ l-ittra ufficcjali a norma ta’ l-Artikolu 166A (5) (1) tal-Kapitolu 12 ghaliex dak l-

ezercizzju kellu jkun wiehed rizervat lill-procediment l-iehor. Kien bizzejjed li l-Qorti, fuq id-definizzjoni minnha ta' dik il-procedura l-ohra, tikkonferma b'mod finali d-digriet provvizorju taghha moghti fl-20 ta' Frar, 2009 (fol. 3). Digriet dan moghti li jkollu anke issa jibqa' wiehed provvizorju in vista tad-decizjoni fl-appell intavolat mill-appellanti fuq ir-rikors Numru 388/08;

Dan qed jinghad ghaliex, kif koncess ukoll mill-appellat, l-ezitu tal-prezenti rikors huwa wiehed ghal kollox dipendenti fuq l-ezitu ta' dak ir-rikors l-iehor, u la dan ghadu mhux definit, in raguni wkoll ghall-konsiderandi zvolti kontestwalment minn din il-Qorti fl-appell l-iehor fuq dak ir-rikors, huwa xieraq u gust illi ghalissa l-imsemmi digriet provvizorju jibqa' impregudikat, kif ghandu wkoll f'dan il-kaz jibqa' impregudikat ghall-partijiet il-kap ta' l-ispejjez.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-ewwel aggravju. Tilqa' pero` t-tieni aggravju fis-sens li timmodifika s-sentenza appellata u tordna li ghalissa s-sospensjoni provizorja ta' l-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv skond id-digret tal-20 ta' Frar, 2009 tibqa' inalterata. Tirrimetti l-atti lura lill-ewwel Qorti biex hemm dik il-Qorti taghti provvediment finali skond l-ezitu tar-rikors Numru 388/08 bejn l-istess partijiet. L-ispejjez kollha relattivi s'issa inkorsi jibqghu rizervati ghal gudizzju finali mill-ewwel Qorti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------